MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 579/2005

**Tony Zarb (ID 136354M)**

**vs**

**Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fis-16 ta’ Dicembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti li prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut responsabbli ta’ malafama fil-konfront ta’ l-attur b’diskors li ghamel nhar is-6 ta’ Dicembru 2005 waqt attivita’ socjali tal-Moviment Nisa tal-Partit Nazzjonalista fil-Buskett, fejn inter alia allega li l-attur waqqa lis-Sea Malta u tellef l-impjieg ta’ 144 haddiem, stante li l-istess diskors huwa malafamanti, libelluz u jirraprezenta fatti inveritieri u ghalhekk intiz sabiex itelelf jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; jhallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kaap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghall-finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Onor. Dr Lawrence Gonzi (ID 489953M) fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi dak li qal l-eccipjenti fid-diskors tieghu mhux libelluz stante:
(a) Illi jirrifletti l-gudizzju u opinjoni tieghu tal-fatti li okkorrew fil-kwistjoni tas-Sea Malta; tista’ taqbel jew ma taqbilx ma’ dan il-gudizzju u opinjoni ta’ l-eccipjenti izda li hu intitolat jaghmel skond id-dritt ta’ espressjoni hielsa garantita mill-Kostituzzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem;
(b) illi l-kliem li llamenta minnhom l-attur ma jistghux jittiehdu isolati mill-kumplament tad-diskors fejn gew esposti fatti korretti u mill-istess fatti li kienu a konjizzjoni pubblika;
(c) illi l-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha ta’ l-4 ta’ Frar 1994 fl-ismijiet “Anglu Fenech pro et noe vs Carmel Callus et” gia ddecidiet li l-istess kliem f’cirkostanzi simili (it-tkeccija tal-haddiema tal-lukanda Phoenicia) ma jikkostitwux libell billi “ma jistax jinghad li jghaddi t-test ta’ proprzjonalita’ bejn dak li l-artiklu ‘offenda, ixxikkja jew iddisturba’ u c-censura tal-malafama mitluba mill-attur proprio et nomine, meta wiehed iqis il-valur tal-kritika, ta’ apprezzament, ta’ espressjoni ta’ opinjoni u gudizzju f’socjeta’ demokratika u politika pluralistika, ma htiega tad-difiza tal-unur u l-isem tajjeb tal-General Workers Union u ta’ l-attur Anglu Fenech, in kwantu Segeretarju ta’ l-istess Union.”

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi d-diskors illi ta lok ghal din il-kawza sar mill-konvenut waqt laqgha l-Buskett illi saret fis-6 ta’ Dicembru 2005, kif riportat fil-harga tal-gazetta “In-Nazzjon” tas-7 ta’ Dicembru 2005 [Dok. TZ fol. 17]. F’dan id-diskors inghad illi l-Prim Ministru tefa’ r-responsabbilta’ tal-falliment tan-negozjati tal-bejgh tas-Sea Malta fuq l-attur meta qal illi bl-agir tieghu tellef l-impjieg ta’ mija u erbgha u erbghin (144) haddiem.

Bhala Segretarju Generali ta’ wahda mill-Unions principali tal-pajjiz, l-attur hassu ngurjat b’dan id-diskors peress illi gie attribwit lilu agir kontra kull principju trejdunionistiku.

Jinghad mill-bidu nett illi mhuwiex kontestat li l-Prim Ministru effettivament qal dak id-diskors. Dan ikkonfermah hu stess quddiem din il-Qorti. Qal pero’, illi kif zviluppaw l-affarijiet, dehrlu illi kellu jesprimi din l-opinjoni u bhala tali din kellha tkun protetta taht id-dettami tal-ligi u skond il-gurisprudenza ricenti dwar il-liberta u d-dritt ta’ l-espressjoni. U ghalhekk, il-Qorti trid tikkonsidra din il-kawza f’dan l-isfond, u cioe’ safejn il-Prim Ministru seta ragonevolment jasal ghal dik l-opinjoni fl-isfond tal-fatti li kellu quddiemu dakinhar.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni tas-Sea Malta tidher illi invoviet l-ewwel darba lill-General Workers Union permezz ta’ ittra li giet mibghuta mill-Ministru Dr Austin Gatt lill-attur, liema ittra, ghad illi ma fihiex data zgur illi giet mibghuta qabel id-29 ta’ Lulju 2005. L-ittra tinsab esebita fil-faxxiklu fol. 55, numru 1, fejn hawnhekk, il-Ministru qieghed jaghmilha cara li, “Is-sur Zammit (Segretarju tat-taqsima Marittima) infurmani li l-haddiema tal-bahar ma jridux jaccettaw il-kondizzjonijiet ghax ma jridux jahdmu skond il-kondizzjonijiet ta’ l-International Transport Federation … Jiena spjegajt lis-Sur Zammit illi din il-posizzjoni intrasigenti tista’ twassal ghall-konsegwewnzi gravi fosthom il-falliment tal-kumpanija …”

Wara dan kien hemm hafna korrispondenza u laqghat bejn il-Gvern, il-Union u is-socjeta’ Grimaldi illi kienet ser tixtri l-kumpanija Sea Malta. F’dawn il-laqghat gew diskussi diversi punti teknici, kif ukoll il-konsegwenzi tal-bejgh fuq id-drittijiet u kondizzjonijiet ta’ impjieg tal-haddiema. Filwaqt illi kien jidher illi ma kienx hemm problemi rigward il-haddiema ta’ l-art, li gie accettat illi jigu impjegati hdax minnhom mad-ditta Grimaldi, u il-bqija jigu assorbiti mill-Gvern, kien hemm problema serja rigward il-bahhara, illi ma riedux li jkunu soggetti ghall-kondizzjonijiet godda oltre dawk illi kienu mifthema tramite il-ftehim kollettiv ezistenti dakinhar bejn is-Sea Malta u il-Union. Dan il-ftehim kollettiv ma kienx ser jigi accettat mid-ditta Grimaldi, li nsistiet li jkun hemm varjazzjoni taghha sabiex il-bahhara jkunu jsitghu jbahhru f’rotot ohra oltre dawk illi normalment kienu mdorrija ibahhru mas-Sea Malta.

Ma hemmx dubju li l-Union kellha diffikulta sabiex tikkonvinci lill-bahhara illi jaccetta il-pakkett illi gie lilhom offrut. Zgur, pero’ f’laqgha illi saret qabel l-14 ta’ Novembru 2005, il-partijiet kollha nvoluti f’din il-kwistjoni kienu accettaw il-pakkett illi gie offrut lilhom, tant hu hekk illi b’ittra mibghuta lis- Sur Emmanuel Zammit ta’ l-14 ta’ Novembru 2005, [fol.37] Ernest Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta’ Grimaldi nforma lill-Union fuq il-kondizzjonijiet illi kienu ftehmu wara l-laqgha fuq imsemmija.

Il-partijiet komplew jiddiskutu wara dik l-ittra peress illi skond il-Gvern kien hemm xi ripensament minn naha tal-Union, li minn naha taghha riedet izzomm l-i*status quo* u cioe’ li l-Union *recognition* illi kienet tezisti sa’ dakinhar. Dan ma kienx ser ikun accettabbli ghas-socjeta’ Grimaldi kif il-Gvern ghamilha cara lill-istess Union.

Tibqa’ pero’ l-kwistjoni tal-bahhara li b’*recognition* o meno, dawn xorta ma riedux jaccettaw l-ghazliet maghmula lilhom. Fil-fatt saret votazzjoni fil-Union ghall-bahhara u minn dawk li vvutaw, il-maggoranza qalu illi ma jridux jaccettaw il-kondizzjonijiet godda. L-attur, a fol. 23, jghid

car illi l-Grimaldi riedu revizjoni tal-ftehim kollettiv, izda l-haddiema ta’ l-abbord assolutament ma riedux it-tibdil propost mill-Grimaldi fit-*tours of duty*. L-argument tal-bahhara kien illi ma riedux jaghmlu sagrificcji kbar sabiex jigi agevolat haddiehor. “…Il-maggoranza tal-haddiema ta’ abbord insistew fuq il-posizzjoni taghhom jigri x’jigri.” L-attur jispjega “Jiena u shabi spjegajna li l-posizzjoni tal-Union kienet imsejjsa fuq il-principju tas-solidarjeta bejn il-haddiema, u f’tentattiv li jkunu salvati l-impjiegi tal-haddiema kollha tas-Sea Malta. Konna pero’ ddisappuntanti li l-haddiema ta’ abbord baqghu jsosstnu l-posizzjoni taghhom …”

L-attur kien jaf illi kollox kellu jkun lest sat-18 ta’ Novembru 2005, meta kellu jigi ffirmat ix-*share transfer* [ara ittra l-1 ta’ Novembru 2005 fol. 12 tal-faxxiklu a fol. 55] peress illi is-socjeta’ Grimaldi kienet ghamlitha cara illi ma kinitx ser tiehu f’idejha s-Sea Malta minghajr ma jintlahaq ftehim mall-General Workers Union. Din id-data ghaddiet minghajr ma l-General Workers Union infurmat lill-Gvern illi kienet lahqet ftehim mall-haddiema kollha. Ma hemmx dubju li r-raguni ta’ dan kien l-intransigenza tal-bahhara. U hawn il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura l-operat ta’ l-attur meta dan qaghad ghar-rikatt tal-bahhara u ippregudika l-impjieg tal-haddiema kollha tas-Sea Malta.

Filwaqt illi huwa minnu illi l-Union bhala tali ghandha taghti konsiderazzjoni qawwija lill-volonta tal-minoranza, pero’ b’daqshekk ma jffissirx illi ghandha tippregudika l-maggoranza kbira ta’ haddiema meta dawn jidhrilhom mod iehor. Veru illi f’dan il-kaz kien hemm zewg ftehim kollettivi, wiehed ghall-haddiema ta’ l-art u l-iehor ghall-bahhara, izda l-kumpanija hija wahda u l-bahhara ma jmisshom qatt ghad-diversi ragunijiet li kellhom kemm personali kif ukoll esigenzi ta’ xoghol, ipoggu fi preguddizzju qawwi l-interessi ta’ shabhom il-haddiema l-ohra tas-Sea Malta.

Filwaqt li l-Qorti hija konvinta illi l-Union agixxiet in buona fede, meta hija ppruvat taasal fi ftehim mall-Gvern u mas-socjeta’ Grimaldi, u sincerament ippruvat issib soluzzjoni ghall-impasse illi kien inholoq, imma darba dan avvera

ruhu, imissha harget minnu meta poggiet ghall-vot il-pakkett kollu illi l-Grimaldi kien offra lill-haddiema tas-Sea Malta, inkluz dawk tal-bahhara. Din kienet il-vera kawza tal-falliment tan-negozjati illi kienu ghaddejjin bejn il-Union u il-Gvern.

Millbqija, l-attur tramite il-Union, mexa b'mod professjonali, anki meta pprova juza is-servizzi tal-Unions Taljani biex jiltaqghu mas-sid tal-Grimaldi, liema laqgha kienet posittiva u l-Qorti hija perswaza illi f'dak l-istadju l-Union verament riedet tasal ghall-soluzzjoni tal-kwistjonijiet illi kienu qeghdin jinqalghu. L-istess Federico Libertino, is-Segretarju Generali tas-CGIL, tar-regjun tal-Campania - settur trasporti, li kien instrumentali li jlaqqa' lid-dirigenti tal-Union mas-sidien tal-Grimaldi, jghid dwar il-laqgha kordjali li kien hemm fejn iz-zewg partijiet wrew l-intenzjoni illi jfittxu soluzzjoni. Pero' Dottor Emanuele Grimaldi, is-sid, kien wera' l-preokkupazzjoni tieghu dwar l-attitudni illi kienu qeghdin juru l-bahhara tas-Sea Malta, liema attitudni finalment wasslet ghall-falliment tat-trasferiment tas-Sea Malta. Meta fl-ahhar il-Union kienet cediet ghat-talbiet kollha tal-Grimaldi, inkluz il-kwistjoni tahraq tar-*recognition* kien tard wisq, peress li l-Gvern kien diga ha d-decizjoni illi jillikwida l-kumapnija tas-Sea Malta, u l-impjegati kollha spiccaw bla xoghol.

Il-Qorti tifhem l-ghadab tal-haddiema ta' l-art meta b'ittra datata 8 ta' Dicembru 2005, hassewhom traduti bil-mod kif gew ittrattati mill- General Workers Union fil-kwistjoni tas-Sea Malta. Hawnhekk kienu aktar grafici meta qalu, "Il-Union ghazlet li fil-kaz taghha ma tiehux vot ghal mal-membri kollha, kif ghamlet f'kazi ohrajn. Il-Union injorat il-petizzjoni taghna tal-21 ta' Novembru 2005, meta konna tajna l-approvazzjoni shiha taghna ghall-privatizazzjoni. Il-Union ghazlet li tidhol f'lobgha perikoluza f'isem il-ftit bahhara militanti illi kien jinteressahom biss il-but taghhom."

Minkejja li d-diskors tal-konvenut sar qabel ma ntbaghtet din l-ittra, pero' din hija s-sitwazzjoni illi kien infaccat biha dakinhar. Kienu l-bahhara li lwew idejn il-Union u wzawha bhala tarka ghall-interessi taghhom u bhala tarka, allura

kellha tircievi id-daqqiet kollha illi kienu gejjin minn kull naha ghal dak illi gara fil-kaz tas-Sea Malta. Bill-wicc tost kollu, meta kollox kien mitluf, jiktbu lill-Union u jghidulha biex ma taccetta xejn minghajr ma l-ewwel ikollha l-permezz taghhom [Dok. LG4, fol. 73].

L-attur irid jerfa r-responsabbilta politika tad-decizjonijiet tieghu u d-decizjoni illi ma jlaqqax il-membri kollha tal-General Workers Union fis-Sea Malta u jpoggi l-pakkett totali ghall-vot, kien nuqqas illi wassal ghall-falliment tan-negozjati tas-Sea Malta, u hija din ir-responnsabilta politika illi l-konvenut ikkummenta dwarha meta ghamel id-diskors tieghu fil-Buskett, liema diskors kien wiehed politiku imsewwes fuq il-kondizzjonijiet illi kienu ezistenti dakinhar, kondizzjonijiet illi setghu ragonevolment iwasslu illi huwa jesprimi l-opinjoni li esprima.

Ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni, illi filwaqt illi f'din il-vigenda kollha l-attur mexa in buona fede, u ipprova verament jasal mall-partijiet kollha interessati, il-prokrastinazzjoni tieghu fuq il-kwistjoni illi gie nfaccat biha bl-agir u l-intrasigenza tal-bahhara, wasslet ghad-decizjoni tal-Gvern illi jillikwida lis-Sea Malta u jtellef l-impjieg tal-haddiema kollha. Il-fatt, illi finalment wara d-decizjoni tal-Kabinett illi l-attur kien wera' l-intenzjoni illi jaqbel mall-kondizzjonijiet kollha lilu pprezentati, kontra r-rieda tal-bahhara, ma jbiddilx is-sitwazzjoni illi din l-isvolta saret tard wisq ghal kullhadd.

Il-hsara kienet diga saret, bhal ma jghid bl-Inglis, “the dye had already been cast” u ir-rizultat kien hemm ghall-kulhadd biex jarah. F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut kellu kull dritt jesprimi opinjoni illi fil-fehma tieghu kienet dik illi kien tort il-General Workers Union illi l-haddiema tilfu l-impjieg taghhom. Finalment il-Union trid tassumi ir-responsabbilta’ shiha ta’ l-agir taghha u hija din ir-responsabbilta illi qed tigi attakkata mill-konvenut fid-diskors in kwistjoni. Veru illi qed isemmi lill-attur personalment bhala responsabbli ghal dak it-telf. Dan irid jittiehed pero’ fil-kuntest tal-manzjoni tieghu bhala Segretarju Generali tal-General Workers Union, illi kollettivament ittiehdet decizjoni zbaljata biex b’hekk

ippregudikat l-interessi tal-haddiema kollha, interessi li facilment setghu jigu salvagwardati kieku l-Union ma pprokrastinatx fuq it-talbiet ragonevoli u forsi msejjsa fuq gwadan personali tal-bahhara.

Ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut seta’ ragonevolment wasal biex jesprimi dik l-opinjoni mehud in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi illi kellu quddiemu dakinhar.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-attur, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------